MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 528/2007

Jason **ŻAMMIT**

vs

Angele **ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-16 ta’ Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrka wettqet spoll meta ċaħħditu mill-

pussess u konsegwenti aċċess għad-dar taż-żwieġ tagħhom meta, kontra r-rieda tiegħu, fl-24 ta' Marzu, 2007, bidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tal-istess fond li jinsab f'numru tnejn (2), "*Blue Demosill*", Daħlet iċ-Ċawsli, Ħ'Attard; (b) tordna lill-imħarrka biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha timponilha, terġa' tqiegħdu fil-pussess u b'hekk tagħtih l-aċċess sħiħ għall-imsemmija dar matrimonjali, u dan billi tagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u li l-Qorti tista' tordnalha tagħmel; u (ċ) f'każ li l-imħarrka tonqos li twettaq dak lilha ordnat fiż-żmien lilha mogħti, tagħtih is-setgħa li jagħmel hu, bi spejjeż tal-imħarrka, dak kollu meħtieġ biex jieħu lura l-pussess, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' uffiċjal eżekutur tal-Qorti. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Mejju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fl-1 ta' Ġunju, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet tal-attur m'humiex mistħoqqa għaliex (i) kien hu li abbanduna d-dar taż-żwieġ u (ii) kien hu li wettaq spoll fil-konfront tagħha u dak li għamlet hi kien b'rejazzjoni għall-għamil spoljattiv tiegħu. Fuq kollox, tgħid li l-mertu tal-każ huwa eżawrit fid-dawl ta' ftehim milħuq bejniethom fiż-żmien li kienet miexja l-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Awissu, 2009, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi għas-smigħ;

Semgħet il-provi mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġjat. L-attur igħid li martu, l-imħarrka, għalqitu barra milli jidħol fid-dar taż-żwieġ tagħhom kontra r-rieda tiegħu, u dan billi lejn l-aħħar jiem ta' Marzu tal-2007, bidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tal-imsemmija dar li, sa dak inhar, it-tnejn li huma kellhom kopja taċ-ċavetta li biha setgħu jiftħu dak il-bieb;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka laqgħet billi qalet li ma wettqet l-ebda spoll billi tgħid li kien żewġha li kien wettaq spoll meta bil-moħbi tagħha ħareġ ħwejjeġ mobbli mill-imsemmija dar, u li dak li għamlet kien b'rejazzjoni għall-għamil spoljattiv tiegħu. Hija laqgħet ukoll billi qalet li l-mertu tal-kwestjoni kien intemm billi hi u żewġha kienu laħqu qbil tul iż-żmien li l-kawża kienet miexja;

Illi mill-<u>provi li joħorgu mill-atti tal-kawża</u> jirrizulta illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin f'Ġunju tal-2002. Meta kienu għadhom għarajjes, fl-2000[1], xtraw post u *garage* li jagħmlu minn blokka bini li tinsab fi Triq Massimiliano Debono, Ħal Lija. Wara li żżewġu, daħlu jgħixu fil-post għal madwar erba' (4) snin. F'xi żmien wara, nqalgħu ntoppi bejniethom, infirdu u marru jgħixu għal rashom. L-attur mar igħix mal-ġenituri tiegħu u l-imħarrka ma' qraba tagħha[2];

Illi l-partijiet kienu żammew kopja kull wieħed taċ-ċavetta tad-dar taż-żwieġ tagħhom. L-attur kien imur fid-dar kull tant żmien matul il-ġimgħa meta jgħaddi biex jiġbor lil bintu u kien ħalla ħwejġu hemmhekk sakemm kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri tal-medjazzjoni bejnu u martu. L-aħħar li daħal fid-dar taż-żwieġ kien fit-22 ta' Marzu, 2007. Qabel dak inhar, kien daħal hemm xi jumejn qabel u dak inhar kien ħa xi ħwejjeġ mobbli minn hemm. L-imħarrka kienet għamlet rapport kontrih fl-Għassa ta' Birkirkara[3]. Meta reġa' għadda, jumejn wara, sab li ċ-

---

[1] Dok "B", f'paġġ. 31 – 7 tal-proċess
[2] Affidavit tal-attur, f'paġ. 3 tal-proċess
[3] Dok "ET2", f'paġġ. 20 – 1 tal-proċess

ċavetta ma kinitx taqbel mas-serratura. Baqa' sejjer l-Għassa dak inhar u ressaq rapport[4]. Meta l-Pulizija bagħtu għall-imħarrka aktar tard dak inhar, stqarret magħhom li kienet hi li bidlet is-serratura tal-bieb fuq parir li ngħatalha mill-avukat tagħha ;

Illi bħala xiehda barranin mill-partijiet tressqu żewg persuni. L-ewwel wieħed, l-Ispettur Elton Taliana[5], xehed dwar meta l-attur kien ressaq ir-rapport tiegħu meta sab is-serratura tal-bieb tad-dar mibdula. Huwa xehed li l-imħarrka kienet stqarret miegħu li kienet hi li bidlitha u tagħtu r-raġuni għaliex għamlet hekk. It-tieni wieħed, s-Surġent Ivan Mifsud[6], xehed ukoll dwar ir-rapport li sar mill-attur u tenna dak imniżżel fih;

Illi mix-xhieda li tat l-imħarrka nnifisha quddiem din il-Qorti[7], jirrizulta li hija bidlet is-serratura tal-bieb dak inhar stess li ngħatat parir mill-avukat tagħha wara li sabet xi affarijiet neqsin mid-dar x'ħin reġgħet lura mix-xogħol. Min-naħa tiegħu, l-attur stqarr li kien ħa xi ħwejjeġ li kienu tiegħu sa minn qabel iżżewweġ jew li, wara ż-żwieġ, kienu silfuh il-ġenituri biex jarmaw ftit id-dar taż-żwieġ li kienet għadha battala[8];

Illi l-kawża nfetħet fis-16 ta' Mejju, 2007. Wara dak inhar, jidher li ntlaħaq arranġament li bih saru żewġ serraturi (waħda mal-bieb u l-oħra mal-antiporta) b'mod li kull waħda mill-partijiet għandha ċavetta għaliha u ħadd minnhom ma jista' jidħol fid-dar jekk mhux fil-preżenza tal-parti l-oħra;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel konsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ u tqis kif dawn japplikaw għall-azzjoni attriċi. L-azzjoni mibdija mill-attriċi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba'

[4] Dok "ET1", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[5] Xhieda tiegħu 28.1.2010 f'paġġ. 24 – 7 tal-proċess
[6] Xhieda 30.6.2010 f'paġġ 51 – 5 tal-proċess
[7] Xhieda 15.4.2010 f'paġ 40 tal-proċess
[8] Xhieda tiegħu 26.10.2010, f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess

azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess ta' dak li jkun;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[9] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn meta jsir l-att ta' spoll;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[10]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[11], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[12] u dak tal-ispoll[13]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[14];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li sat-22 ta' Marzu, 2007, l-attur kellu l-aċċess għal u għalhekk ukoll il-pussess ta' dik li sa dak inhar kienet għadha d-dar taż-żwieġ. Sa jumejn wara dak il-pussess kien tneħħa għaliex kienet inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra. Dak il-pussess tneħħa mill-imħarrka;

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-attur kien imur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza, u dan għaliex huwa kien ukoll wieħed mis-sidien tal-post li minnu nżamm milli jerġa' jidħol fih. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[15]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-

[9] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[10] App.: **26.1.1996** fil-kawż\a fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[11] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[12] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[13] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J.Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[14] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[15] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)

Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[16] jekk ma tkunx tidher mad-daqqa t'għajn;

Illi jirriżulta li sal-lum l-attur baqa' ma ngħatax il-pussess sħiħ li kellu sa dak inhar li nbidlet is-serratura. Jidher li, fiż-żmien li kienet miexja din il-kawża, l-partijiet (x'aktarx fl-ambitu tal-proċeduri ta' firda personali li għaddejjin minnhom) laħqu arranġament li bih kull wieħed u waħda minnhom għandu ċavetta ta' bieb jew tal-antiporta, b'mod li ħadd minnhom ma jista' jidħol ġod-dar mingħajr il-preżenza ta' xulxin. Kif sewwa issottometta l-għaref difensur tal-attur, dan l-arranġament ma jissarrafx fl-eżawriment tal-mertu tal-azzjoni attriċi, għaliex l-imsemmija azzjoni tibqa' tgħodd ukoll fejn it-tnaqqis tal-pussess ikun wieħed parzjali jew fejn il-parti mċaħħda mill-pussess tingħata lura pussess li huwa aktar ristrett minn dak li kienet tgawdi qabel sar l-għamil spoljattiv;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[17]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[18];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu <u>jew</u> mingħajr ma jitħalla jintebah bih[19];

Illi f'dan il-każ, intwera li l-għamil li minnu jilmenta l-attur seħħ għal kollox kontra r-rieda tiegħu u minn wara daharu. Kif ingħad, l-imħarrka tistqarr li kienet hi li bidlet is-serratura tal-bieb u sa dak inhar li l-attur fetaħ il-kawża,

---

[16] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[17] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)

[18] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe*** (mhix pubblikata)

[19] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)

kien għadu mċaħħad milli jidħol fid-dar jekk mhux għax tiftaħlu l-imħarrka;

Illi, f'din il-kawża l-imħarrka tiġġustifika l-għamil tagħha fuq il-fatt li hija għamlet dak li għamlet biex tirrejaġixxi għal għamil li l-attur kien għamel qabel dak tagħha u li mxiet fuq parir tal-avukat li kellha dak iż-żmien. L-imħarrka għalhekk tistkenn fuq iż-żewġ difiżi tal-*vim vi repellere licet* u tan-nuqqas tal-fehma li ma twettaqx spoll;

Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel it-tieni difiża. Fis-sistema tagħna, l-kwestjoni tal-fehma tal-parti li tagħmel l-att spoljattiv m'hijiex wieħed mill-elementi li l-Qorti tqis meta tistħarreġ jekk jirriżultawx l-elementi tal-azzjoni ta' spoll. Għall-kuntrarju ta' sistemi oħrajn ta' dritt, l-azzjoni ta' spoll fis-sistema ġuridiku tagħna ma jinteressaha xejn b'liema mottiv jew b'liema ġustifikazzjoni oħra l-parti li tkun wettqet l-għamil. Dan il-ħsieb illum jidher li huwa stabilit ukoll minn sentenzi tal-ogħla Qrati tagħna[20];

Illi huwa magħruf illi għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[21]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[22], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[23]. Għalhekk, l-argument tal-imħarrka li dak li għamlet seħħ għax imxiet fuq parir tal-avukat tagħha ma jistax jiswielha biex tirribatti l-effett sanzjonabbli ta' dak l-għamil li setgħet wettqet;

Illi dwar it-tieni difiża, fl-azzjoni ta' spoll privileġġat, huwa stabilit li difiża bħal dik tista' tittella' biss jekk jikkonkorru ċirkostanzi partikolari. Dawn huma mfissra fit-tagħlim

---

[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Farr Limited vs Norman Cutajar*** u App. Ċiv. **28.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Grima vs Joseph Mifsud et noe et*** fost bosta oħrajn

[21] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)

[22] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija

[23] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***

dottrinali[24] fejn irid jintwera li (a) kien hemm għamil spoljattiv vjolenti, (b) li r-rejzzjoni biex tirribatti dak l-għamil isseħħ minnufih jew fi żmien qrib (*ex continenti non ex intervallo*) u (ċ) li dik ir-rejazzjoni sseħħ fl-istess ċirkostanza li jkun seħħ l-għamil spoljattiv (*in ipso congressu*). Dan huwa tagħlim li l-Qrati tagħna jidher li ħaddnu wkoll[25]. Biex jista' jingħad li r-rejazzjoni għall-fatt spoljattiv tkun seħħet *ex confestim* jew *ex continenti* mhux bilfors li tkun trid titwettaq sewwasew fl-istess waqt li jkun qiegħed isir l-għamil spoljattiv tal-parti l-oħra[26], iżda m'għandux lanqas jilħaq jgħaddi żmien twil biex wieħed jista' jibqa' jgħid li l-għamil tiegħu kien tassew rejazzjoni mġarrba mill-vjolenza tal-parti l-oħra. F'każ partikolari, l-mogħdija ta' ftit sigħat jew ta' xi jum jew tnejn tqiesu li jaqgħu taħt il-kappa tal-kontestwalita' *ex continenti*[27];

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrka jidher li għaddiet biex bidlet is-serratura mhux aktar tard mill-għada li sabet l-affarijiet neqsin mid-dar. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa żmien qrib biżżejjed il-ġrajja biex jista' jitqies bħala kontemporanju taċ-ċirkostanza li sabet ma' wiċċha. Fi kliem ieħor, hija tgħid li dak li għamlet kien imġiegħel minn dak li kien għamel żewġha. Dan ukoll huwa element siewi biex titqies l-imsemmija eċċezzjoni.[28] Iżda, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel, wieħed irid jara jekk ir-rejazzjoni tagħha kinitx waħda li timmira li twaqqaf għamil provokatorju li, minnu nnifsu, huwa spoljattiv. Fil-fehma tal-Qorti, dak li għamel l-attur (jiġifieri li ġarr bil-ħabi ta' martu ħwejjeġ li bihom kienet mgħammra d-dar taż-żwieġ, imqar jekk ma kinux tal-imħarrka) kien għamil provokatorju li, fil-qafas ta' dak li kienu għaddejjin minnu l-partijiet dak iż-żmien fil-ħajja matrimonjali tagħhom, ma kienx la xieraq u, milli jidher, lanqas meħtieġ. Kien għamil li wkoll ċaħħad lill-imħarrka minn pussess li, tajjeb jew ħażin, kien ilha tgawdih fuq medda twila ta' żmien. Il-fatt li l-ħwejjeġ meħuda ma kinux tagħha qajla jgħodd biex iġib fix-xejn it-tneħħija tal-pussess tagħhom mingħandha;

---

[24] Mattirolo <u>*Trattato di Diritto Giudiziario*</u> (1902) §§ 273, f'paġ. 257
[25] App. Ċiv. **25.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant vs Deguara*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.267**)
[26] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Bonello*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.499**)
[27] P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Georgina Borġ vs Errol Cassar et***
[28] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Emanuel Sammut***

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din l-imġiba tal-attur (minkejja li setgħet, min-naħa tagħha, kienet provokata minn imġiba bħalha li jgħid li l-imħarrka kienet wettqet żmien qabel) ma kinitx waħda rakkomandabbli. Żgur li, f'għajnejn l-imħarrka, kienet għamil li tabilfors qanqal rejazzjoni. Hija rejazzjoni li, fil-fehma tal-Qorti, tista' twassal biex issejjes id-difiża taħt eżami;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti ssib li jonqos fl-azzjoni attriċi dan it-tieni element tal-azzjoni ta' spoll;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-aspett tal-każ huwa l-anqas wieħed kontroversjali, għaliex ma hemm l-ebda dubju li l-attur mexxa 'l quddiem il-kawża fi żmien xieraq;

Illi hu xieraq li jingħad li biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed jew ġie mxellef;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li, f'dan il-każ, ma jirriżultawx l-elementi kollha li titlob il-liġi biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imħarrka;**

**Tiċhad għalhekk it-talbiet attriċi** b'dan illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, **l-ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------